MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 406/2006/1

**Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali**

**v.**

**Registratur tal-Qorti u b'digriet tal-19 ta' Ottubru 2006**
**gie korett ghal Registratur, Qrati Civili u Tribunali,**
**Helen armla ta' Frank Pace, Anthony, Carmel,**
**Mary u Doris armla Cesare ahwa Pace**
**u l-Avukat Victor Borg Grech, l-Avukat Benny Delia**
**u l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro**

**Il-Qorti:**
Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-atturi Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali fil-5 ta' Mejju, 2006, li jaqra hekk:

“Illi kienu gew intavolati proceduri gudizzjarji fl-ismijiet “Frank Pace u b’digriet tal-10 ta’ Jannar 1996 stante l-mewt ta’ Frank Pace l-atti gew trasfuzi f’isem Helen armla ta’ Frank, Anthony, Carmel, Mary u Doris armla Cesare ahwa Pace vs Kummissarju tal-Pulizija u John Lanzon fil-kwalita` tieghu ta’ Chairman tal-Planning Area Permits Board u personalment ghal kull interess li jista’ jkollu” (Cit Nru 1311/1978).

“Illi l-mertu ta’dawk il-proceduri kien jinvolvi:

“(i) talba ghal dikjarazzjoni ta’ responsabbilta` kontra l-konvenuti li skond l-attur abbuzaw mill-poteri taghhom, agixxew arbitrarjament u mhux in forza ta’ ligi meta talbuh garanzija ta’ Lm600 ghal finijiet ta’ tigdid ta’ licenzja tan-negozju tieghu ta’ kiri ta’ vetturi.

“(ii) talba sabiex il-konvenuti jigu kundannati biex jiddesistu milli jkomplu jinsistu fuq il-produzzjoni tal-garanzija fuq imsemmija, sabiex jigu mgedda lill-attur il-permessi tal-garaxijiet tieghu kif ukoll sabiex jigi restitwit l-***istatus quo ante*** lill-attur qabel ma giet enforzata dina l-kundizzjoni rigwardanti l-garanzija fuq indikata.

“(iii) talba sabiex l-istess konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni kollha sofferti minnu sakemm tkun ghadha ghaddejja l-kawza bhala konsegwenza tal-agir tal-istess konvenuti.

“Illi din il-kawza giet deciza finalment mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Jannar 2005.

“Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata 30 ta’ Marzu 2006 (kopja annessa bhala Dok KTP1) u notifika lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali fis-6 ta’ April 2006 u fil-5 ta’ April 2006 rispettivament l-atturi llum intimati interpellaw lill-Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali sabiex ihallsu s-somma ta’ ghaxart elef seba’ mija u disa’ u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm10,769.52) allegatament dovuti bhala spejjez gudizzjari inkorsi fil-proceduri msemmija “Frank Pace et vs Kummissarju tal-Pulizija et” (Cit Nru 1311/1978).

“Illi annessa ma’ l-istess ittra ufficjali kien hemm dokument wiehed indikat bhala “Ratizzazzjoni tal-Ispejjez” firmat mill-Avukat Victor Borg Grech (kopja annessa bhala Dok KTP2) li turi spejjez ta’ Lm11,809.93 bhala spejjez tal-atturi u Lm11,528.55 bhala spejjez tal-konvenuti fil-kawza indikata.

“Illi fil-frattemp sar maghruf mill-Kummissarju u l-Avukat Generali li wara li giet deciza mill-Qorti tal-Appell din il-kawza fit-28 ta’ Jannar 2005, inharget taxxa tad-drittijiet u spejjez tac-Citazzjoni Numru 1311/78 mir-Registratur tal-Qorti li kienet tindika s-somma ta’ Lm1,352.67 bhala spejjez tal-atturi u Lm1073.21 bhala spejjez tal-konvenuti (Kopja annessa bhala Dok KTP3), liema taxxa giet annessa mal-atti tal-process tal-kawza in kwistjoni.

“Illi rrizulta sussegwentement lill-Kummissarju u lill-Avukat Generali li din it-taxxa ufficjali giet ingassata u sostitwita b’taxxa ohra mahruga mill-istess Registratur tal-Qorti (annessa bhala Dok KTP4) li stranament kienet tammonta ghas-somom ezorbitanti ta’ Lm11,809.93, bhala spejjez tal-atturi u Lm11,528.55 bhala spejjez tal-konvenuti u cioe` l-istess cifri mahdumin mill-Avukat Victor Borg Grech kif indikati f’Dok KTP2 imsemmi aktar ’il fuq.

“Illi jigi dikjarat immedjatament li sa issa l-Kummissarju u l-Avukat Generali ghadhom ma gew notifikati b’ebda att gudizzjarju li fih l-ewwel jew it-tieni taxxa ufficali mahruga mir-Registratur tal-Qrati u ghalhekk fl-ewwel lok jikkontendu lil din l-Qorti sabiex tddikjara li ghal kull buon fini ghadu ma bediex jiddekorri kontra taghhom iz-zmien li fih huma jistghu jattakkaw it-taxxa tar-Registratur ghal finijiet tal-Artikolu 64 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suepost kieku kellha din il-Qorti kontra kull aspettativa tiddeciedi li l-ittra ufficjali tal-atturi intimati hija valida ghall-finijiet tal-Artikolu 64 (1) tal-Kap 12, il-Kummissarju u l-Avukat Generali jixtieq=u fi kwalunkwe kaz jattakaw it-tieni taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti bhala erronea, irregolari u kontra l-ligi ghar-ragunijiet segwenti:

"(i) Illi huwa universalment accettat li meta tinfetah kawza fuq punt ta' ligi t-tariffa hija stabbilita b'rata ferm aktar baxxa minn kawza li jkollha valur determinat jew determinabbli.

"(ii) Illi mill-faccata tac-citazzjoni (kopja annessa mar-rikors bhala Dok KTP5) prezentata mill-atturi intimati kif ukoll mill-qoxra tal-processi tal-istess kawza (kopji annessi mar-rikors Dok KTP6 sa Dok KTP11) jidher car u manifest li t-tariffi li dejjem thallsu kienu dawk kompatibbli ma' kawza b'materja ta' punt ta' ligi.

"(iii) Illi l-Kummissarju u l-Avukat Generali jikkonstataw li matul it-28 sena li din il-kawza damet pendenti quddiem il-Qrati dejjem giet trattata u deciza bhala punt ta' ligi.

"(iv) Illi kif jidher car mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar 2005 il-Qorti kkonfermat li ghalkemm il-konvenuti kellhom jigu dikjarati responsabbli ghad-danni versu l-atturi qalet car u tond li t-talbiet originali tal-atturi fic-citazzjoni ma kinux jinkludu fihom talba ghal likwidazzjoni tad-danni u ghalhekk ma seta' jigi likwidat ebda ammont bhala danni.

"(v) Anzi ulterjorment il-Qorti tal-Appell b'riferenza ghall-prospett prezentat fl-atti tal-kawza mill-atturi dwar l-allegati danni sofferti minnhom enfasizzat li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ma qablitx ma' l-ammont pretiz mill-atturi tant li definit il-pretensjoni bhala wahda astronomika.

"(vi) Illi l-istess Qorti ta' l-Appell kompliet biex tikkonkludi li "sta ghall-appellati biex f'kawza ghal likwidazzjoni u kunganna ghal hlas tad-danni jippruvaw illi d-danni minnhom prospettati huma, kollha jew parti minnhom, reklamabbli minghand l-appellanti skond ir-regoli tal-ligi civili".

"(vii) Illi fid-dawl tas-suepost jirrizulta ampjament illi l-kawza Cit. Nru. 1311/78 QATT ma kellha ebda valur determinat jew determinabbli u ghalhekk ir-Registartur

kellu jintaxxa l-kawza bhala wahda bazata fuq punt ta’ ligi u xejn aktar.

“(viii) Ghall-kuntrarju, kif spjegat aktar ’il fuq, u kontra l-ligi r-Registratur tal-Qorti ingassa taxxa ufficjali ta’ drittijiet u spejjez li ammontat ghal Lm1,352.67 spejjez attur u Lm1,073.21 spejjez konvenut u minflok, ghal raguni inspjegabbli hareg taxxa ohra bis-somma ezorbitanti ta’ Lm11,809.93 spejjez attur u Lm11,528.55 spejjez konvenuti.

“(ix) Illi dan it-tibdil da parti tar-Resigratur gie rifless anke fil-qoxra tal-process tal-kawza li nstemghet mill-Qorti tal-Appell annessa mar-rikors u dan billi t-tariffi mhallsa bhala Dritt Registru ta’ Lm16.00,0 u Dritt Avukat u P.L. ta’ Lm133.00,0 gew kancellati mid-Deputat Registratur tal-Qorti fis-7 ta’ Frar 2005 wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell u minflok tnizzel il-kliem – “Taxxa Riveduta : Dritt Registru Lm2670.00,0, u Dritt Avukat Lm3042.00,0” ffirmati mid-Deputat Registratur fil-25 ta’ Mejju 2005.

“(x) Illi dawn ic-cifri mhumiex kompatibbli ma’ kawza li dejjem giet trattata u deciza bhala punt ta’ ligi.

“(xi) Illi fid-dawl tas-suespost u ghar-ragunijiet imsemmija l-Kummissarju u l-Avukat Generali jopponu t-tieni taxxa mahruga mir-registratur ghas-somma ta’ Lm11,809.93,0 spejjez atturi u Lm11,528.55,0 spejjez konvenuti.

“Ghalhekk l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

“1. tiddikjara li t-talba avvanzata minn Helen armla ta’ Frank, Anthony, Carmel, Mary u Doris armla Cesare ahwa Pace permezz ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ Marzu 2006 mhijiex legalment valida stante li hija bazata fuq interpretazzjoni hazina tat-tariffi tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“2. subordinament u bla pregudizzju ghas-suepost tiddikjara li fi kwalunkwe kaz it-talba fl-ittra ufficjali tat-30

ta’ Marzu 2006 bid-dokument ta’ Ratizzazzjoni firmat mill-Avukat Victor Borg Grech mhix valida ghallfinijiet taz-zmien stabbilit fl-Artikolu 64 (1) tal-Kap13 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex tigi attakkata t-taxxa tar-Registratur.

“3. subordinament u bla pregudizzju ghas-suepost, fil-kaz li din il-Qorti kellha tiddeciedi li t-talba fl-ittra ufficjali tat-30 ta’ Marzu 2006 hija valida ghal finijiet tal-Artikolu 64 (1) tal-Kap 12, tiddikjara li t-taxxa kif mahruga mir-Registratur tal-Qorti fil-kawza Cit Nru 1311/78 fl-isimijiet “Frank Pace et vs Kummissarju tal-Pulizija et” ghas-somma ta’ Lm11,809.93,0 spejjez atturi u Lm11,528.55,0 spejjez konvenuti hija erronea, irregolari u mhux skond il-ligi.

“4. konsegwentement joghgobha l-istess Qorti thassar u tirrevoka t-taxxa msemmija fil-paragrafu precedenti u minflok tordna r-ritassa tal-kawza Cit Nru 1311/78 “Frank Pace et vs Kummissarju tal-Pulizija et” bhala kawza li dejjem giet trattata u deciza bhala punt ta’ ligi biss.”

Rat ir-risposta tal-konvenuti kollha minbarra r-Registratur tal-Qorti (fol. 35), li in forza taghha eccepew illi:

“1. Din hija kawza ghal ritassa ta’ drittijiet intaxxati mill-konvenut Registratur tal-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Frank Pace et vs Kummissarju tal-Pulizija et, deciza finalment fit-28 ta’ Jannar 2005, (Cit Nru 1311/78). Fic-citazzjoni li istitwiet dik il-kawza kien hemm tliet domandi li l-Qorti ntalbet tiddeciedi u li minnhom it-tielet wahda kienet taqra hekk:

““3. m’ghandhomx l-istess konvenuti jigu minn din il-Qorti dikjarati responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur sal-lum u dawk li l-attur ghad jista’ jsofri sakemm tkun ghaddejja din il-kawza u oltre bhala konsegwenza tal-agir tal-konvenuti jew min minnhom kif fuq inghad.”

“2. Jidher mir-rikors promotorju tal-kawza odjerna li l-iskop tal-atturi huwa li jottjenu dikjarazzjoni gudizzjarja li d-drittijiet sija tar-Registru kemm tal-Avukati ghandhom jigu ntaxxati bhala punt ta’ ligi (qabel riferit bhala artikolu),

u direttiva lir-Registratur biex jintaxxa mill gdid l-istess drittijiet fuq tali bazi.

“3. Il-kawza ***de quo*** damet quddiem il-Qrati ghal sebgha u ghoxrin sena, mill-1978 sal-2005 u fiha nghataw sitt sentenzi bejn l-ewwel istanza u appell. L-ewwel erbgha sentenzi, jigifieri dawk tat-2 ta’ Ottubru 1991, tas-16 ta’ Novembru 1994, tat-12 ta’ April 1996, u tad-29 ta’ Ottubru 1999, kienu jittrattaw l-ewwel domanda fic-citazzjoni u kienu taxxabli bhala punt ta’ ligi ghaliex kienu jikkomprendu biss dikjarazzjoni li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, attur odjern, u iehor, kienu agixxew arbitrarjament u mhux il forza ta’ ligi. Kienu s-sentenzi tad-19 ta’ Novembru 2001, u dik finali tat-28 ta’ Jannar 2005, li trattaw u ddecidew it-tieni u t-tielet domanda. Id-drittijiet kif jidhru fid-dokumenti KTP8 sa KTP11 jirriferu ghal-ewwel erbgha sentenzi, u ghalhekk jirriflettu drittijiet taxxati bhala punt ta’ ligi. Id-drittijiet li jidhru fuq dokumenti KTP6 u KTP7 juru drittijiet li originarjament gew intaxxati bhala punt ta’ ligi u li wara gew inhassra u rimpjazzati bi drittijiet fuq bazi ta’ valur, jigifieri wara li giet migbuda l-attenzjoni tar-Registratur ghall-izball li kien hemm. Ghalhekk kwalunkwe inkonsistenza li l-atturi jidher li jridu jattribwixxu fit-trattazzjoni kif korretta hija minghajr bazi u ngusta.

“4. Kien l-avukat Borg Grech li gibed l-attenzjoni tar-Registratur ghad-difett li kien hemm fl-intaxxar. Meta nghata t-taxxa huwa nnota li d-drittijiet rigward l-ahhar zewg sentenzi fejn kienet deciza d-dikjarazzjoni ta’ responsabbilta` ghal danni tal-Kummissarju tal-Pulizija kienet giet ukoll intaxxata bhala punt ta’ ligi u mhux kif korrettament kellu jsir ***ad valorem***. Huwa ghalhekk, minghajr ma rrenda d-dokument lilu moghti bhala taxxa ufficjali, mar ikellem lill-Assistent Registratur u gibidlu l-attenzjoni ghall-izball. Huwa kkonsenjalu t-taxxa li kienet inghatatlu u din giet kancellata kif jidher mid-dokument KTP3 anness mar-rikors promotorju ta’ dan il-gudizzju.

“5. Fir-rikors promotorju ta’ dan il-gudizzju ma jirrizultax illi saret xi allegazzjoni li r-Registratur ma setax jikkoregi l-intaxxar li kien ghamel minhabba d-disposizzjonijiet tal-

artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u li l-azzjoni tieghu kienet ***contra jus***, pero` biex jigu evitati kwistjonijiet f’dan ir-rigward waqt is-smiegh tal-kawza, l-konvenuti kollha barra r-Registratur se jiccaraw ukoll dan il-punt. Fis-sentenza taghha tat-22 ta’ Novembru 1996 fil-kawza fl-ismijiet Aldo Laferla et vs Francis Scicluna et, din il-Qorti qalet:

““Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-atturi li r-Registratur tal-Qorti ma setax ibiddel taxxa li tkun harget fuq l-awtorita` tieghu. L-artikolu 64 tal-Kap 12 ma jeskludix il-possibilita` li dan isir. Jekk parti interessata, fit-terminu ta’ xahar kif preskritt, jirnexxielha tipperswadi lir-Registratur tal-Qorti li jkun sar zball fit-tassazzjonijiet u li, ghalhekk, it-taxxa ghandha tinbidel m’hemm xejn li jista’ jzommu milli jaccetta li johrog taxxa ohra bil-korrezzjonijiet li jkun hemm bzonn. Meta johorgu tant taxxi f’isem ir-Registratur mill-impjegati tal-Qrati, li kollha huma soggetti li jiehdu zbalji, huwa ferm naturali li dan, meta jsir jaf b’xi zball li jkun sar, jiehu passi biex jikkoregih u johrog taxxa ohra bi tassazzjoni kif suppost tkun.”

“Din is-sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Mejju 1998, fejn ***inter alia*** kompla jinghad:

““Din il-Qorti wara d-debita riflessjoni ssib li l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata huma gusti u tikkondividihom. Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, ma tara xejn inkongruwu jew legalment jistona fil-fatt li r-Registratur, rinfaccjat b’sitwazzjoni fejn jirrizulta li d-drittijiet li hu kien illikwida ma kienux dawk korretti minn rajh u ghax hekk jidghirlu xieraq, jemenda t-taxxa minnu erroneament rilaxxjata biex tkun konformi mad-dettami tat-tariffa. Il-Qorti ma tara l-ebda sens fis-sottomissjoni li r-Registratur ma setax jew ma kellux volontarjament jaghmel dak li hu kien jaf li hu gust imma kien obbligat jistenna kundanna gudizzjarja biex jaghmel hekk.”

“Aktar minn hekk fil-kaz prezenti anqas ma kien il-kaz li tigi mibdula taxxa, ghax taxxa ufficjali ma kenitx ghadha harget, kif anqas ma hu l-kaz li jinghad li kien hemm zewg

taxxi. Kien il-kaz biss li jigu korretti d-drittijiet li kienu gew erroneament taxxati u wara tohrog taxxa ufficjali.

“6. L-izball fit-tassazzjoni kien jirrigwarda t-tielet domanda, gja riportata fil-para.1 ***supra***, fejn intalab li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, attur odjern jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kif specifikat. Il-bazi tat-tassazzjoni f’kazijiet bhal dawn ghandha l-gheruq taghha fil-principji li jirregolaw l-applikazzjoni tat-tariffi taghna u hija konsagrata fil-gurisprudenza nonstrana. Partikolarment informattiva hija s-sentenza moghtija minn din l-Qorti fid-9 ta’ Frar 1951, fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Axiak vs Avukat Dr. Giuseppe Vella noe. et, fejn il-Qorti qalet:

““Illi, kif kellha okkazjoni tghid din il-Qorti f’kawzi simili t-tassazjoni ghandha tigi regolata mid-domanda jew talba; liema principju jista’ jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid li, meta taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cjoe` ghandu jigi studjat u ezaminat x’ikun l-oggett taghha. Minn dan jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta’ dak li jkun un kontestazzjoni, jew tal-***‘quod disputatun est’***, li jista’ jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process; u ghal dan il-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet oralu, u ***‘multo magis’*** l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, independentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux finalment milqugha jew michuda.” Hawn il-Qorti kompliet tikkwota diversi ohra.”

“Kompliet tghid:

““Illi jekk huwa minnu li l-ispirtu informatur tat-tassazzjoni gudizzjarja ghandu jigi poggut fuq il-hsieb li s-somma taxxata tkun tali li sservi bhala kumpens proporzjonat ghar-responsabbilta` tad-difensuri, ma hemmx bzonn jinghad liema bejn id-dikjarazzjoni tar-responsabbilta` u dik tal-likwidazzjoni hija l-aktar importanti u li timporta xoghol u studju fis-soluzzjoni taghha."

--- omissis ---

“Illi huwa skond l-ahjar logika li d-dikjarazzjoni tar-responsabbilta` tkun taxxata ***‘ad valorem’***, l-ghaliex l-istess hija preordinata ghall-operazzjoni jew non-operazzjoni ta’ kwalunkwe talba subordinata.”

“7. Dik is-sentenza giet ikkwotata pjuttost recentement f’sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fil-25ta’ Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Avukat Leslie Grech vs Frank Abela et**, fejn ukoll giet kwotata sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-10 ta’ Ottubru 1958 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Barbara vs Michelina Farrugia**, li fiha ntqal:

““… il-Qorti ezaminat il-Ktieb tat-Tassazzjoni u minn dan jirrizulta li l-ispejjez gew intaxxati fuq is-somma ta’ £120. Din kienet is-somma li ppretenda l-attur, ara dok. Fol28. Din it-tassazzjoni hija korretta ghaliex hija konformi ghal pattika inveterata li meta, ghalkemm l-attur ikun talab somma indeterminata, pero` f’xi skrittura jew xort’ohra fil-proceduri jkun iffissa somma bhala oggett tal-pretensjoni tieghu, allura dik is-somma titqies iddomandata u t-tassazzjoni – li kieku diversament kienet issir fuq l-ottenut – issir fuq dik is-somma.”

“Giet ukoll ikkwotata sentenza ohra tal-akbar interess ghal periti tassaturi, moghtija minn din il-Qorti fit-23 ta’ Frar 1935 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Tonna vs Edgardo Staines noe et** (Vol. XXIX.ii.357) fejn il-Qorti qalet:

““… fl-azzjonijiet li ghandhom bi skop taghhom il-pagament ta’ somma ta’ flus, it-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija regolata fuq id-domanda, u fuq l-ottenut jekk l-ammontar ma jigix determinat bid-domanda, (Musu’ vs Notaro Micallef noe. Collezione, Volum XVII, Parti 11, pagna 123).

…

“Illi pero` l-kelma ‘domanda’ jista’ jkollha zewg sinifikati. Difatti, kif spjega l-Mortara fil-kumment tad-disposizzjoni tal-Kodici Taljan (li jghid li ‘il valore della causa si determina dalla domanda’): ***‘questa formola della legge puo essere interpretata in due sensi, secondoche’ per***

***‘domanda’ si intende soltanto la ‘pretesa’ che l’attore deduce nella sua citazione ovvero il ‘complesso’ della controversia su cui il magistrato e’ invitato a pronuciare la sentenza’*** (Volum II, pagna 37). U aktar tard l-istess awtur jghid (idem pagna 94): ***‘in questo senso la regola che il valore della causa si determina dalla domanda va riferiti non piu` all’istanza proposta dall’attire con la citazione, ma a quella che viene chiamata da alcuni la massa litigosa, ossia il complesso del tema contenzioso, sviluppatosi e formato integralmente nel corso del processo.***
…
“Illi fl-opinjoni ta’ dina l-Qorti, il-kelma ‘domanda’, biex jigi rispettat dana l-principju informatur tat-tassazzjoni, ghandha tigi f’kaz simili intiza m’hux biss ghac-citazzjoni, vera u proprja, imma anki ghall-kontenut ta’ skrittura prezentata fil-korp tal-proceduri, li fiha l-attur jiddetermina d-domanda.
…
“Illi konsegwentement il-pritiza tal-attur giet detrminata bid-domanda intisa l-kelma fis-sens fuq espost, u ghaldaqstant anki skond il-gurisprudenza fuq citata, t-tassazzjoni ghandha ssir, kif saret, fuq l-ammont mitlub, u m’hux fuq l-ottenut.”

“8. Fil-kaz prezenti l-***quantum*** tad-danni mitluba ma kienx specifikat fid-domanda fic-citazzjoni, pero` l-atturi fil-kawza ***de quo*** ipprezentaw zewg prospetti fi kliem il-Qorti “b’danni minnhom likwidati – l-ewwel wiehed imur lura ghat-8 ta’ Gunju 1995 bl-ammont ta’ Lm272,272 (fol. 259-260) u iehor sussegwenti u ‘aggornat’ ghas-somma ta’ – fil-fehma tal-Qorti astronomika tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – Lm348,920 …”. Bir-rispett kollu, dan kien kliem zejjed tal-ewwel Qorti u barra minn loku, u l-Qorti tal-Appell ma naqsitx milli tinnewtrallizah billi ppronunzjat ruhha hekk:

““Ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet korretta illi, ghalkemm ma kienetx taqbel mal-ammont pretiz mill-atturi – illi del resto ma kienetx kwistjoni li kellha tiddeciedi fuqha stante li c-citazzjoni ma fihiex talba ghal-likwidazzjoni tad-danni – xorta ddikjarat lill-appellanti responsabbli ghad-danni.

Issa sta ghall-appellati biex f'kawza eventwali ghal-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tad-danni minnhom prospettati huma, kollha jew parti minnhom, reklamabbli minghand l-appellanti skond ir-regoli tal-ligi civili."

"Il-***'quod disputatum est'*** u l-***quantum*** tal-pretensjoni tal-konvenuti kollha barra r-Registratur aventi kawza tal-attur Frank Pace johorgu mill-imsemmija prospetti, u kif stabbilit fil-paragrafi precedenti, dawn il-prospetti korrettament servew ta' bazi ghat-tassazzjoni, indipendement minn jekk l-ammont pretiz jigix finalment approvat jew michud mill-Qorti fil-kawza li ghad trid tigi istitwita.

"9. Ottenuta t-taxxa ufficjali relativa ghall-kawza ***de quo***, il-konvenuti kollha barra r-Registratur aventi kawza tal-attur Frank Pace, fit-30 ta' Marzu 2006, pprezentaw ittra ufficjali diretta lill-atturi odjerni, Dok KTP1. Din l-ittra ufficjali giet redatta minn Dr. Borg Grech u kienet intiza biex tinnotifika t-taxxa lill-atturi odjerni. Jirrizulta pero` li mill-mument li harget minn idejn Dr. Borg Grech sakemm giet notifikata, it-taxxa ma baqghetx takkompanja l-ittra ufficjali. Minhabba dan l-incident sfortunat huwa ghalhekk ammess li l-atturi odjerni ma humiex notifikati bit-taxxa. Ghalhekk it-tieni talba fir-rikors promotorju odjern hija ammessa, pero` dan il-fatt ma ghandu jkollu ebda konsegwenza peress li l-proceduri ghar-ritassa gja gew istitwiti.

"10. Dwar jekk id-drittijiet ***ad valorem*** tar-Registru kemm tal-Avukati gewx kalkolati tajjeb ma ssema xejn fir-rikors u ghalhekk il-konvenuti kollha barra r-Registratur astjenew milli jinvestu dan il-punt.

"11. Ghaldaqstant il-konvenuti kollha barra r-Registratur, in vista tal-permess, issottomettew li, salv dak li ntqal fil-penultimu paragrafu 9 ***supra***, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi."

Rat ir-risposta tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali (fol. 44), li in forza taghha eccepixxa hekk:

“1. Preliminarjament illi r-rikors ***de quo*** huwa null u bla effett stante li huwa maghmul kontra r-Registratur tal-Qorti li llum bhala figura guridika ***‘ut sic’*** li m’ghadhiex aktar ezistenti. Fil-fatt skond l-avviz legali 138/04 u 139/04 il-persuni guridici li jizvolgu r-rwol ta’ ‘Registratur tal-Qorti’ huma r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali u/jew ir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali.

“2. Minghajr pregudizzju ghas-suepost, u diment (a) li l-kawza hija diretta kontra r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, u (b) li huwa legittimu kontradittur f’din il-kawza, gie eccepit li fil-funzjoni tieghu ma jirrispondix ghall-ewwel u t-tieni talba attrici in kwantu l-ittra ufficjali u t-talba ghall-hlas hemm kontenuta saret mill-konvenuti l-ohra; kif ukoll li d-dokument ta’ ratizzazzjoni sar minn Dr. Victor Borg Grech.

“3. Minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-taxxa originali mahruga mir-Registratur Qrati Civili u Tribunali setghet leagalment tigi emendata jew mibdula stante li
(a) kienet ghadha mhix taxxa ufficjali, u (b) ma kien iddekorra ebda ***‘terminu fatali’*** kontra t-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

“4. Minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-taxxa kif mibdula in kwantu u fil-parti li giet mahduma ***‘ad valorem’*** hija korretta, regolari u skond il-ligi.

“5. Fi kwalunkwe kaz l-istess taxxa giet kalkolata korrettament hlief ghad-drittijiet mahduma fl-istadju ta’ l-appell.

“6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat li fl-udjenza tad-19 ta’ Ottubru, 2006, quddiem l-ewwel Qorti, il-konvenut Registratur irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu, wara li ntalbet u giet milqugha korrezzjoni fl-okkju tal-kawza;

Rat li fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom l-atturi ddikjaraw illi huma ma kienux qed jinsistu aktar fuq it-tieni talba taghhom;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Jannar, 2008, li in forza taghha, wara li ddikjarat li t-taxxa mahruga mir-Registratur ghandha titqies li nhadmet validament skond il-ligi, cahdet it-talbiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali, hlief ghat-tieni talba li giet ammessa mill-intimati; spejjez $^{5}/_{6}$ ghall-Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali, u $^{1}/_{6}$ ghall-intimati;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din hija azzjoni ghal ritassa skond ma jipprovdi l-artikolu 64(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ir-rikorrenti qieghedin jitolbu li tithassar it-taxxa ta’ l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza fl-ismijiet **Frank Pace, u b’digriet tal-10 ta’ Jannar 1996, l-atti gew trasfuzi f’isem Helen, armla ta’ Frank, Anthony Carmel, Mary u Doris Cesare ahwa Pace vs Kummissarju tal-Pulizija u John Lanzon** (Cit.Nru. 1311/1978) liema kawza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell. L-intimat Registratur tal-Qorti intaxxa fuq bazi “***ad valorem***” u dan meta originarjament din it-taxxa kienet saret fuq il-bazi ta’ punt ta’ ligi.

“Illi huwa siewi li jissemmew xi fatti ewlenin li jsawru l-kaz. L-attur fil-kawza hawn fuq citata kien fetah il-kaz quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili peress li l-konvenuti kienu talbu garanzija bankarja ta’ sitt elef Liri Maltin (Lm6,000) ghall-finijiet ta’ tigdid ta’ licenzja tan-negozju tieghu ta’ kiri ta’ vetturi u irreklama d-danni sofferti. Din il-kawza inqatghet kontra l-konvenuti liema kaz gie konfermat mill-Qorti tal-Appell (fol 50 sa 74). Jirrizulta li precedentement, it-taxxa kienet inhadmet fuq punt ta’ ligi u kienet tammonta ghal elf, tlett mija u tnejn u hamsin Liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (LM1,352.67) bhala spejjez tal-atturi u elf, u tlieta u sebghin Liri Maltin, u wiehed u ghoxrin centezmu (LM1073.21) bhala spejjez tal-konvneuti (a fol 13 sa 15). Izda, sussegwentement it-taxxa tad-drittijiet u spejjez kienet inhadmet “***ad valorem***”, stante li din kienet kawza ghad-danni, u Albert Portelli, l-Assistent Registratur dak iz-zmien, kien gibed l-attenzjoni lill-impjegat koncernat li allura din it-taxxa ma kellhiex tinhadem fuq bazi ta’ punt ta’ ligi, izda fuq bazi “***ad valorem***”. Ghalhekk, it-taxxa tad-

drittijiet u spejjez giet tammonta ghas-somma ta’ hdax-il elf, hames mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin, u hamsa u hamsin centezmu (LM11,528.55) bhala spejjez tal-konvenuti (a fol 25 sa 27)

“***D2. Punt ta’ ligi jew “ad valorem***

“Ir-rikorrenti qed jattakkaw it-tassazzjoni fuq il-bazi li l-metodu ta’ intaxxar uzat mir-Registratur kien erronju stante li ghandu jkun a bazi ta’ punt ta’ ligi u mhux “***ad valorem***”. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li fin-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti, gie rilevat li mhux ser jinsistu iktar fuq it-tieni talba taghhom cioe` t-talba fl-ittra ufficjali tat-30 ta’ Marzu 2006 bid-dokument ta’ ritassazzjoni ffirmat mill-Avukat Victor Borg Grech mhix valida ghall-finijiet taz-zmien stabbilit fl-Artikolu 64(1) tal-Kap 12.

“F’dan il-kuntest, ta’ min ighid li huwa stabbilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija mharsa mill-principju li wiehed ihares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun inghatat meta s-somma mhix determinabbli mit-talba. Bil-kelma “talba” wiehed jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-process gudizzjarju, u mhux semplicement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali principju mhux wiehed inflessibbli ghaliex huwa kwalifikat bil-principju li t-tassazzjoni tista’ tinstilet minn dak li f’kawza jissejjah “***il complesso del tema contenzioso***” minn fejn wiehed jista’ jsib xi jkunu tassew il-valur tal-kontestazzjoni. (Ara **Micallef vs Micallef** deciza fl-24 ta’ Lulju 1946 (Kollezz. Vol. XXXII.ii.424).

“Illi jidher li l-prattika li ilha ghal zmien twil, fir-rigward tat-tassazzjoni “***ad valorem***” hija ibbazata fuq talbiet li jwasslu ghal passagg ta’ flus jew fondi jew ghat-trasferiment ta’ proprjeta` jew jeddijiet marbuta ma’ dan. (Ara **Borg Grech vs Buhagiar noe** deciza mill-Prim’Awla Qorti Civili fit-22 ta’ Frar 1967, u **H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Prim’Awla Qorti Civili fit-12 ta’ Gunju 2003). Kif inghad ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Manche` vs Gauci Maistre** deciza fl-20 ta’ Marzu 1989, il-valur in

kontestazzjoni ghandu johrog mill-massa litigjuza; b'hekk ghandu jigi studjat u ezaminat x'inhu l-oggett tat-talba u t-tassazzjoni ssir "***ad valorem***", u mhux bhala semplici artikolu jew dikjarazzjoni.

"***D3. Valur Determinat – Kap 12 Art. 748***

"Issa gie rilevat ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, li d-danni pretizi ma kinux determinati, u gie citat ukoll l-Artikolu 748 tal-Kap 12 li jistipula meta l-valur tal-oggett fil-kawza hu determinat. Gie sostnut mir-rikorrenti li s-semplici prospett tal-atturi minghajr accettazzjoni jew qbil tal-kontro-parti u tal-Qrati stess, bhal fil-kaz odjern, zgur ma jistax jammonta ghal valur determinat.

"Dwar dan huwa veru li l-valur mhux determinat fic-citazzjoni, pero` l-paragrafu 14 tat-Tariffa E iqis valur indeterminat, meta l-valur ma jkunx determinat fit-talba jew "determinabbli skond il-ligi jew mill-process". Kwindi meta l-valur huwa determinabbli mill-process, ma jistax jinghad li l-valur in kontestazzjoni huwa wiehed indeterminat. Kif intqal fil-kawza diga citata **Micallef vs Micallef** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fl-24 ta' Lulju 1946:

"f'materja ta' tassazzjoni ta' drittijiet gudizzjali, il-principju enuncjat in linja ta' massima, illi it-tassazzjoni ta' dritijiet gudizzjali tigi regolata mid-domanda jew mis-sentenza meta fid-domanda somma mhix determinata, ma hux inflessibli imma ghandu jigi ragjonevolment kwalifikat, kif gie mill-gurisprudenza kwalifikat, bil-principju l-iehor illi meta minn dak li jissejah "*il complesso del tema contenzioso*" ossija "*massa litigiosa*", ikun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura ttassazzjoni ssir fuq dak il-valur, avolja d-domanda tkun ghal somma li ghandha tigi likwidata."

"(Ara wkoll **St. George's Park Co. Ltd. Vs Dr. Hugh Peralta et** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fit-28 ta' April 2005).

“Fil-kaz in ezami, huwa minnu li l-ebda ammont jew somma ma jintalbu fit-talbiet tac-citazzjoni, izda skond it-tariffa E tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12, fil-fehma tal-Qorti, dan fisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista’ ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti. Fil-kaz odjern, Mario Debono kkonferma li meta hadem it-taxxa kien hadimha fuq punt ta’ ligi. Izda, meta l-Assistant Registratur, is-sur Portelli gibidlu l-attenzjoni u indikalu l-valur fil-process, u li t-taxxa kellha tinhadem fuq dak il-valur. Ix-xhud Debono stess ikkonferma li kien irrefera biss ghat-talbiet meta hadem it-taxxa l-ewwel darba. (a fol 88 u 89). Albert Portelli, li kellu l-kariga ta’ Assistant Registratur ikkonferma li Dr. Borg Grech kien avvicinah dwar il-kaz in kwistjoni u qallu li la kien hemm dikjarazzjoni ghad-danni, it-taxxa trid tkun mahduma ***“ad valorem***” (a fol 93 u 94). Illi mid-dokumenti esebiti jidher li t-taxxa nhadmet fuq il-prospett fejn jidher il-valur indikat (a fol 115 u 116), u jidher fejn inhadmu t-taxxi (a fol 118 ***et sequitur***).

“Ghalhekk, meta mill-massa litigjuza jirrizulta x’inhi s-somma li l-attur qed jippretendi, it-tassazzjoni ghandha tinhareg a bazi ta’ dik is-somma. F’dan il-kaz ukoll, ghalkemm ir-Registratur mexa fuq nota li kienet ipprezentata bhala prospett, din in-nota hija bazata fuq dak li johrog mill-process kollu. Ghalhekk, kienet tirrifletti dak li kien qed jigi mitlub fil-kawza.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali tal-14 ta’ Frar 2008 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:
“fl-ewwel [lok] tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-tieni talba tal-esponenti in kwantu din giet ammessa mill-istess rikorrenti esponenti; u

“fit-tieni lok tahassar, tirrevoka u tiddikjara bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet li t-taxxa mahruga mir-Registratur inhadmet validament u skond il-ligi u fejn gew michuda l-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti u milqugha l-

eccezzjonijiet tal-intimati appellati. L-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tghaddi minflok biex tilqa' l-bqija tat-talbiet tal-esponenti ghar-ragunijiet suesposti u tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati appellati.

"fit-tielet lok in kwantu ghal dik il-parti tas-sentenza fejn fie ordnat li l-ispejjez kellhom jinqasmu $^{5}/_{6}$ ghall-Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali, u $^{1}/_{6}$ ghall-intimati tigi riformata billi din l-Onorabbli Qorti fid-dawl tas-suespost minflok tordna li l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom ikunu intierament a kariku tal-intimati appellati."

Rat ir-risposta tal-konvenuti konvenuti kollha minbarra r-Registratur tal-Qorti tal-4 ta' Marzu 2008 li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:
"… … … tichad l-appell tal-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi fit-30 ta' Jannar 2008, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-atturi appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2010; innutat li r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, ghalkemm notifikat, ma pprezenta ebda risposta u anqas deher ghall-udjenza; anqas ma deher l-avukat tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni meritu ta' din il-kawza hi facli biex tiddefiniha – ghalkemm mhux daqshekk facli biex issolviha! Fil-kawza **Frank Pace et. v. Kummisarju tal-Pulizija et.**, citazzjoni numru 1311/78, deciza finalment minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 2005, l-atturi kienu talbu dikjarazzjoni li l-konvenuti kienu qed jabbuzaw mill-poteri taghhom, biex jiddesistu minnufih milli jkomplu bl-agir abuziv u biex l-istess konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni – ma ntalbitx il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni. Dik il-kawza, wara *iter* pjuttost twil li matulu nghataw diversi sentenzi ta' natura preliminari, giet deciza favur l-atturi, u l-konvenuti gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez tal-

kawza. L-atturi talbu lir-registratur tal-Qorti johrog taxxa tal-ispejjez tal-kawza, u din inharget fuq il-bazi li t-tielet talba kienet tikkontjeni biss punt ta’ ligi. Din it-taxxa giet riveduta u mibdula mir-registratur wara insistenza tal-avukat tal-atturi li dik it-talba kellha tinhadem *ad valorem*. Gara li, fil-fattt, fl-atti tal-kawza, l-atturi kienu pprezentaw prospett tad-danni reklamati, u dan <u>avolja fil-kawza ma giex mitlub li d-danni jigu likwidati</u>; ir-registratur hareg it-tieni taxxa *ad valorem* wara li qies l-ammont ta’ danni kif indikati f’dan il-prospett.

Il-konvenuti, ikkundannati jhallsu l-ispejjez tal-kawza, oggezzjonaw ghal din it-tieni taxxa, u fil-waqt li jsostni li l-ewwel taxxa mahruga mir-registratur kienet tajba, ressqu din il-kawza fejn talbu lill-Qorti thassar it-tieni taxxa mahduma *ad valorem*.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici wara li osservat li taxxa ta’ drittijiet trid tinhadem fuq dak li jissejjah “il complesso del tema contenzioso”, u la darba fl-atti kien hemm prostpett tad-danni, il-valur hemm indikat ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-intaxxar.

L-atturi appellaw mis-sentenza u ssottomettew li t-taxxa ma kellhiex tinhadem *ad valorem* ghax il-*quantum* tad-danni ma kienux “in issue” fil-kawza u dan apparti l-fatt li l-pretensjoni tal-atturi fil-kawza l-ohra giet anke deskritta bhala “wahda astronomika” mill-Qorti.

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul fuq il-materja, fil-waqt li taqbel li r-registratur tal-Qorti ghandu l-fakolta` jemenda taxxa minnu rilaxxjata jekk jinduna li fiha kien hemm xi zball (ara **Laferla et. v. Scicluna et.**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta’ Mejju, 1998), ma tarax li f’dan il-kaz kien hemm xi zball fl-ewwel taxxa minnu mahruga. Fi kliem iehor ma taqbilx li t-taxxa tal-kawza deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Jannar, 2005, ghandha, fil-kuntest tat-tielet talba, tinhadem *ad valorem*. Hu veru li t-taxxa trid tinhadem fuq “il complesso del tema contezioso”, pero`, f’dan il-kaz, il-*quantum* tad-danni <u>ma kienx in kontestazzjoni</u>. Il-gurisprudenza trid li t-taxxa tinhadem fuq dak li jkun in kontestazzjoni jew tal-‘quod disputatum

est', filwaqt li fil-kawza imsemmija l-kontestazzjoni kienet biss ir-responsabbilita` mhux ukoll l-ammont tad-danni. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Pace et. v. Vella nomine et.**, deciza fl-1 ta' Ottubru, 1948,
"it-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens tal-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni tal-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu propost jkunux akkolti jew michuda."

Kif inghad, il-*quantum* tad-danni ma kienx, f'dik il-kawza, "in kontestazzjoni", u ghalkemm il-Qorti rrimarkat fuq is-somma astronomika reklamata, ma ttrattatx u ma iddecidietx fuq dawk id-danni. It-taxxa trid tinhadem fil-kuntest tat-talbiet "*li jkunu proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati*" (**Axiaq v. Vella**, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 1957), u mhux a bazi ta' materji li jkunu riservati ghal gudizzju iehor. Fil-kawza **Ellul Bonnici v. Buhagiar noe et.**, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 1960, kien fil-fatt intqal li "*il-valur ta' kawza … jitqies fuq id-domanda u mhux fuq l-interess effettiv jew l-interess pekunjarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-ezitu finali tal-kawza*"; f'dan il-kaz id-domanda hi biss wahda dikjaratorja u f'dan is-sens trid tigi ntaxxata. Lanqas ma jista' jinghad li l-valur tad-danni ghandu x'jaqsam mad-dikjarazzjoni, u dan ghall-fini tal-paragrafu 14 tat-Tariffa E tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, peress li, kif intwera, il-kwistjoni tad-danni ma kienetx materja li l-Qorti kellha tiddetermina fil-kawza l-ohra.

Din tidher ix-xejra tal-gurisprudenza, anke ta' dik indikata mill-konvenuti f'din il-kawza. Hekk fil-kawza, **Barbara v. Farrugia**, deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 1958, it-taxxa inhadmet fuq is-somma li tirrizulta mill-atti, izda dan sehh peress li fil-kawza l-attur talab somma indeterminata, u l-Qorti qalet li, ghall-fini tal-intaxxar, ir-registratur mexa tajjeb meta fittex ghall-*quantum* mill-provi

(ara wkoll **Grech v. Abela et** deciza minn din il-Qorti fil-25 ta’ Jannar, 2001). Fil-kawza meritu ta’ dawn il-proceduri, kif inghad, ma saret ebda talba ghal hlas ta’ xi somma.

Hekk ukoll, fil-kawza **Tonna v. Staines noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ Frar, 1935, intqal li:
“… fl-azzjonijiet li ghandhom bi skop taghhom il-pagament ta’ somma ta’ flus, it-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija regolata fuq id-domanda, u fuq l-ottenut jekk l-ammontar ma jigix determinat bid-domanda, (Musu` v. Notaro Micallef noe, Collezione, Volum XVII, Parti 11, pagna 123).” (Sottolinear ta’ din il-Qorti).

Il-kawza in kwistjoni ma kienetx wahda bi skop ta’ hlas ta’ somma ta’ flus, u fil-“massa litigiosa” ta’ dik il-kawza ma kienx hemm involut danni. Il-fatt li l-atturi, f’dik il-kawza, ipprezentaw prospett tad-danni, ma jaghmilx minn dak il-prospett parti mill-“massa litigiosa” la darba l-kwistjoni tad-danni ma kienetx “in issue” quddiem il-Qorti. Din il-Qorti fis-sentenza li tat f’Jannar tal-2005, qalet car u tond li c-citazzjoni “ma fihiex talba ghal-likwidazzjoni tad-danni”, u allura kull kumment fir-rigward kien barra minn loku. La darba l-materja tad-danni ma kienetx, fi kliem din il-Qorti, “kwistjoni li kellha tiddeciedi fuqha”, l-istess prospett ma kellux jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini ta’ intaxxar.

Il-kumment tal-appellati li, hafna drabi, il-kwistjoni tar-responsabbilita` tinvolvi lill-Avukat f’hafna aktar xoghol milli l-likwidazzjoni tad-danni, huwa irrilevanti, u mhux korrett ghax, fil-fatt, hafna drabi kawzi jincampaw fuq il-kwistjoni tad-danni minhabba d-diffikulta` u l-problemi marbuta mal-prova tad-danni, li fis-sistema guridika taghna jridu jirrizultaw sofferti realment. Hija l-prova tat-telf effettiv li hafna drabi tohloq problemi u mhux ir-responsabbilita` ghall-istess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta’ Jannar, 2008, u minflok tghaddi biex tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat promotorju (hlief it-tieni wahda li l-atturi ddikkjaraw li ma

fadallhomx aktar interess fiha), bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenuti/intimati appellati *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------